MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 1085/2001/1

**Perit Christian Spiteri**

**v.**

**Charles De Giorgio Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li in forza taghha, wara li ppremetta illi;
"Peress illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici ta' l-attur fl-ammont ta' tlettax-il elf, mitejn wiehed u tletin lira Maltija (Lm13,231), rapprezentanti servizzi professjonali li gew

rezi mill-attur favur is-socjeta` konvenuta fir-rigward tal-progett f'Ta' Gannaru, B'Kara (Dokument hawn anness u mmarkat Dok.B), liema xoghol sar fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta stess;

"Peress illi, avolja interpellata biex thallas dan l-ammont, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallset xejn;

"Peress illi, jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *a tenur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma ta' l-attur, is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba ta' l-istess attur;

"Tghid ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, dispensat is-smiegh tal-kawza skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta, u in vista ta' l-affidavit guramentat hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba, bid-dispenza tas-smiegh;

2. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici ta' l-attur fl-ammont ta' tlettax-il elf, mitejn wiehed u tletin lira Maltin (Lm13,231), rapprezentanti servizzi professjonali li gew rezi mill-attur favur is-socjeta` konvenuta fir-rigward tal-progett f'Ta' Gannaru, B'Kara, fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta stess;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' tlettax-il elf, mitejn wiehed u tletin lira Maltin (Lm13,231), rapprezentanti servizzi professjonali li gew rezi mill-attur favur is-socjeta` konvenuta fir-rigward tal-progett f'Ta' Gannaru, B'Kara, fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta stess, flimkien ma' l-imghax relattiv ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess ammont mid-data ta' meta dan id-dejn kien dovut.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru u bl-interessi legali kontra s-socjeta` konvenuta, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi;
“1 Illi, preliminarjament, l-azzjoni attrici hija intempestiva billi l-attur ma pprokurax lis-socjeta` eccipjenti l-fatturi relattivi ghall-ammont reklamat minnu u qatt ma taha spjegazzjoni dettaljata ghab-bazi ta’ liema s-socjeta` eccipjenti setghet tifhem u tapprezza kif l-attur wasal ghas-somma mitluba minnu u ghalhekk is-socjeta` konvenuta trid tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

“2 Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit is-socjeta` konvenuta hallset ghas-saldu dawk il-fatturi mahruga lilha mill-attur;

“3 Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talba ta’ l-attur ghall-hlas ta’ l-ammont ta’ tlettax-il elf, mitejn wiehed u tletin lira Maltin (Lm13,231), rapprezentanti servizzi professjonali li gew rezi mill-attur favur is-socjeta` eccipjenti fir-rigward tal-progett f’Ta’ Gannaru, B’Kara hija kontestata u ma tirrapprezentax is-servizzi professjonali rezi mill-attur u ghalhekk din il-Qorti ghandha tillikwida kwalunkwe somma li tista’ talvolta tkun dovuta lill-attur ghal dawn is-servizzi;

“4 Illi dejjem subordinarjament u minghajr pregudizju, f’kaz li l-Qorti joghgobha tilqa’ t-talba ta’ l-attur ghall-hlas tas-somma ndikata fic-citazzjoni jew ghall-hlas ta’ kwalunkwe somma ohra, din il-Qorti m’ghandhiex tikkundanna lis-socjeta` eccipjenti thallas l-ispejjez u l-imghax mitlub mill-attur peress illi l-attur qatt ma pprezenta kont lis-socjeta` eccipjenti ghall-ammont mitlub f’din il-kawza;

“5 Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, kwalunkwe somma li din il-Qorti tista’ tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lill-attur ghandu jigi pacut ma kwalunkwe somma ohra li l-attur jista’ jigi kkundannat li jhallas lis-socjeta` eccipjenti skond

infraskritta rikonvenzjoni li s-socjeta` eccipjenti qeghdha tressaq minhabba danni minnha sofferti unikament tort l-attur naxxenti minn dewmien da parti ta’ l-istess attur u minn sottomissjonijiet hziena fl-applikazzjoni ghall-hrug tal-permess ta’ zvilupp, liema sottomissjonijiet hziena kkagunaw dewmien ulterjuri;

“6 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

“Bl-ispejjez kontra l-attur li jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni.”

Rat il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, li tghid hekk:
“Peress illi s-socjeta` konvenuta inkarigat lill-attur bhala perit arkitett f’Ottubru ta’ l-1997 ghall-PA 3555/99 sabiex ihejji u jissottometti d-dokumenti u l-pjanti mehtiega ghal applikazzjoni ma’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ghall-izvilupp ta’ blokk ufficini godda u post ghall-maggazzinar ta’ merkanziji fil-lokalita` maghrufa bhala Ta’ Gannaru, f’B’Kara;

“U premess illi s-socjeta` konvenuta kienet ftehmet ma’ l-attur li l-applikazzjoni ghall-izvilupp kellha tigi pprezentata lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar sal-15 ta’ Frar, 1999;

“U peress illi l-attur dam sas-6 ta’ Lulju, 1999 sabiex ipprezenta din l-applikazzjoni;

“U peress illi ghalhekk u ghal ragunijiet ohra imputabbli lill-attur, il-permess relattiv kien ghadu ma nharigx mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar sal-11 ta’ Mejju, 2001 meta l-attur iffirma l-formola ghal meta jinbidel il-perit, liema formola saret stante li l-istess socjeta` konvenuta tterminat l-inkarigu ta’ l-attur;

“U peress illi l-attur dam mis-27 ta’ Frar, 2001, meta s-socjeta` konvenuta tterminat l-inkarigu ta’ l-attur, sal-11 ta’ Mejju, 2001 biex iffirma l-formola ghal meta jinbidel il-perit u ghalhekk ikkawza izjed dewmien tal-progett fuq imsemmi f'Ta' Gannaru Birkirkara;

“U peress illi l-attur qatt ma ghadda d-*Digital Plans* lill-Perit Stephen Mangion li huwa l-perit il-gdid inkarigat mis-socjeta` konvenuta wara l-attur rikonvenut u dawn il-pjanti kellhom jerghu jithejjew mill-Perit Stephen Mangion;

“U peress illi sa llum ghadu ghaddej il-process ghall-hrug ta’ l-imsemmi permess mill-Awtorita` kompetenti u d-dewmien esagerat ghall-hrug ta’ dan il-permess huwa dovut ghal ragunijiet imputabbli lill-attur;

“U peress illi minhabba dan id-dewmien is-socjeta` konvenuta sofriet, qeghda ssofri u ghad trid issofri danni ngenti;

“Ighid l-attur rikonvenut ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti :

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li huwa responsabbli lejn is-socjeta` konvenuta

(i) ghad-dewmien fit-thejjija u sottomissjoni ta’ applikazzjoni ghall-permess PA 3555/99 lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ghall-izvilupp ta’ blokk ufficini godda u post ghall-magazzinar ta’ merkanziji fil-lokalita` maghrufa bhala Ta’ Gannaru, f’B’Kara u

(ii) ghad-dewmien fl-ipprocessar ta’ din l-applikazzjoni u

(iii) ghad-dewmien fil-hrug tal-permess relattiv;

“2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta minhabba d-dewmien imsemmi fl-ewwel talba u;

“3 Tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas lis-socjeta` konvenuta dawk id-danni hekk likwidati skond it-talba precedenti.

“Bl-ispejjez kontra l-attur, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment, li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepixxa illi;

"1. Illi preliminarjament l-intempestivita` ta' l-azzjoni odjerna *stante* illi qatt qabel illum l-attur ma kien ikkontesta l-kapacita` tal-konvenut jew gharfu b'daqstant meta dan qed jilmenta minn operat li jirrisjali ghal Ottubru, 1997 ;

"2. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` hawn attrici ma humiex sostenibbli stante illi l-ebda perit jew professjonist iehor ma jista' qatt jigi ritenut responsabbli ghal-dewmien fil-hrug ta' permess minn Awtorita` bhal ma hi dik ta' l-Ippjanar kif qed jippretendi l-attur u dan *stante* illi kull applikazzjoni tiehu l-hin naturali taghha u huwa risaput illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar tipprocessa kull applikazzjoni minghajr termini stipulati ta' hrug. F'dan il-kuntest jinghad illi t-tieni dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici (flimkien mad-Dokument A ezebit) ma tista'x tittiehed bis-serjeta' stante illi fl-ewwel lok din tidher li hi biss karta preparata mis-socjeta` attrici li ma tikkostitwix ftehim, mhix iffirmata imqar mill-istess socjeta` attrici u in kwalunkwe kas ma jista' qatt ikun il-kas li perit jintrabat fuq data li johrog permess ghal ragunijiet logici fosthom li dawk fuq imsemmija u fuq kollox li dan johrog mhux minnu izda minn Awtorita` awtonoma u indipendenti li hadd ma jista' jbassar ahseb u ara jintrabat fuq l-operat taghha;

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost in mertu huwa minnu illi l-perit hawn rikonvenut gie inkarigat fuq il-progett *de quo* f'Ottubru, 1997, izda konvenjentement l-attur li ghogbu jelenka l-kronologija tad-data relattivi halla barra biex jizvija anke lill din l-istess Onorabbli Qorti s-segwenti dati u fatti rigwardanti s-sit in kwistjoni:

"Fit-**28 ta' Novembru, 1997**, (xahar biss wara li gie inkarigat) il-perit dahhal l-*Outline Development Permit* bin-numru 6811/97;

"Fil-**25 ta' Marzu, 1998** din l-*Outline* giet rifjutata mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar (dokument hawn anness immarkat Dok AD1);

“Fl-**1 ta’ April, 1998**, gimgha biss wara r-rifjut il-perit dahhal talba ghar-rikonsiderazzjoni tal-istess rifjut ma’ l-istess Awtorita` ta’ l-Ippjanar;

“Fis-**26 ta’ Awwissu, 1998,** l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar laqghet din ir-rikonsiderazzjoni u harget l-*outline development permit* (Dokument hawn anness immarkat Dok AD2);

“Fis-**6 ta’ Lulju, 1999,** il-perit dahhal applikazzjoni ghall-*full development permit* wara xhur shah ta’ xoghol professjonali dettaljat rikjest mill-istess Awtorita` skond il-ligi u sahansitra kif jirrizulta mill-istess permess ta’ *Outline* gja fuq imsemmi;

“Is-sottomissjonijiet mill-perit lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar dejjem saru fi zmien ragonevoli, tali zmien jirrifletti d-dettal ta’ informazzjoni mehtiega mill-istess Awtorita`, u dejjem insista fl-interess ta’ kulhadd, tieghu inkluz, illi l-applikazzjoni tigi processata bla dewmien u ghaldaqstant tirrizulta kompletament infondata l-allegazzjoni tas-socjeta` hawn attrici illi l-perit tul dan iz-zmien naqas milli jaghmel dak kollu minnu rikjest professjonalment ghall-ipprocessar ta’ din l-applikazzjoni;

“4. Illi *di piu* ma tista’ qatt tigi emmnuta t-tezi ta’ l-attur illi huwa ma kienx sodisfatt bis-servizz professjonali tal-Perit Spiteri hawn konvenut u dan johrog car anke mis-semplici fatt li baqa’ jirritjeni lill-istess perit tul dan iz-zmien kollu (u issa biss li qed jigi mharrek ghal-hlas tas-servizzi lilu rezi li qed ivantni din il-pretensjoni) u anke mill-fatt li meta kien jircievi kontijiet max-xoghol dan dejjem kien ihallashom fil-pront (vide dokument E u F prezentati mill-attur innifsu);

“5. Illi wkoll in mertu fir-rigward ta’ l-akkadut wara d-dispensa tal-perit mill-inkarigu tieghu wkoll l-attur konvenjentement u b’ingann anke lejn din l-Onorabbli Qorti ma tax rendikont gust u reali u dan meta l-fatti graw kif gej:

"Appena l-perit gie nfurmat li gie tterminat l-inkarigu tieghu huwa kiteb lill-Kamra tal-Periti sabiex jiehu direzzjoni preciza. Il-kamra tal-periti kitbet lura fid-9 ta' April, 2001, granet biss qabel ma l-perit izzewweg (15 ta' April 2001) u siefer barra minn Malta (17 ta' April 2001) biex irritorna fit-3 ta' Mejju 2001 u tmien t'ijiem biss (11 ta' Mejju 2001) wara iffirma l-formola relattiva; dan meta tul dan il-perjodu saret korrispondenza bejn l-avukat tal-perit hawn esponenti, l-avukat tas-socjeta` attrici hawn rikonvenzjonanta, il-Kamra tal-Periti u s-socjeta` attrici nnifisha u dan senjatament fuq kemm kellu jkun il-kont ta' l-istess perit li ghall-ebda raguni valida s-socjeta` attrici kienet qed tirrifjuta u ghadha ma hallsitx sal-lum;

"6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"7. Ghaldaqstant t-talbiet kollha tas-socjeta` hawn attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` hawn attrici."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April, 2004, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi laqghet it-talba attrici, u cahdet il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez ghall-istess socjeta` (evidentement meta fid-"decide" l-ewwel Qorti tirreferi ghat-"talba attrici" qed tirreferi ghat-tieni u ghat-tielet talbiet jigifieri ghad-dikjarazzjoni dwar id-debitu u ghall-kundanna ghall-hlas tas-somma); dik il-Qorti wkoll ordnat li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni;

Illi dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"L-attur esebixxa *Time Frame* dokument CSX a fol. 617 *et seq* fejn indika l-*project history*. Ezebixxa wkoll speci ta' *Time Frame* iehor li kien tah il-konvenut Dok CSX1 fol. 620 li l-attur kien deherlu li kien *tight* izda li kien jipprova jsegwih. Il-konvenut kien qed jaspira li dana jsir minn naha ta' l-attur u minn naha tal-*Planning Authority*. Izda kollox kien jiddependi mill hrug tal-permess mill-Awtorita`.

"L-attur xehed li hu kien inkarigat fis-19 ta' Ottubru 1997 fuq dana l-progett. Fil-*preliminary meetings* mal-*Planning Authority* kien sab hemm diffikulta` billi l-*area* kienet *zoned*

ghal residenzjali. Il-klijent kien jaf b'dina d-diffikulta` izda xorta nsista li japplika ghal dak li xtaq.

“F’Novembru 1997 hu pprezenta *Outline Development Application* mhux *full plan* biex ihaffef u fl-istess hin biex f’kaz ta’ rifjut ma jehlux il-*levy* li kienet wahda sostanzjali ta Lm15,000 u li kienet tintilef.

“F’Marzu 1998 dina l-applikazzjoni giet rifjutata.  Il P.A. ma lmentatx mieghu fuq id-dizinji imma riedet li jigu konsiderati diversi fatturi ez. *substation*; access ghad-dizabbli.  Kien hemm *guidelines* izda hu ma kienx obbligat li jaghmel dizinjii li jkollu access liberu ghal kulhadd qabel is-sena 2000.

“F’April 1998 ghamel talba ghal rikonsiderazzjoni (ara fol. 49) u f’ Awissu 1998 hareg l-*Outline Development Permit* (Dok AD2).  Minn hemm beda jahdem fuq l-iddisinnjar tal-progett u billi dan kien bini kbir, kien jinvolvi certi komplikazzjonijiet u ried iz-zmien.  F’Lulju 1999 dahhal *full development application*.

“F'dan ix-xoghol hu kellu jikkonsulta ma’ l-agenzji konsulenti taghhom u anke ma’ dawk tal-MEPA.  F'dan il-perjodu wkoll ghaddew xi ligijiet godda u kellu jemenda l-pjanti biex jigu konformi mal-ligi ez. nies b'dizabbilita`.  Kien hemm ukoll il-kwistjoni tat-traffiku; rapporti u bdil fis-sistema tal-*one way* u kellhom jaghmlu *traffic impact assessment* mill-gdid.  Dwar ir-rampi l-Awtorita` riedet li jkun hemm *gradient* aktar irpuzat.  Huwa kien mexa fuq *guidelines* tal-1988.

“Imbaghad kien kellmu s-sur Degiorgio u qallu li kien hemm *partners* godda fil-progett u dawn riedu juzaw il-perit taghhom.  Hu kien qallu li ried jara x'kien dovut lilu qabel jiffirma l-formola tal-bdil ta' perit.  Kien hemm dizgwid dwar kemm hu kien intitolat bhala perit u Degiorgio kien qabel li joqghodu fuq dak li tiddeciedi l-Kamra tal-Periti.  Hu ghalhekk kien iffirma l-formola izda Degiorgio ma accettax li jhallsu.  Hu kien iffirma ghax il-kamra tal-periti kienet qaltlu biex jiffirma u lill-konvenuti

kienu qalulu biex ihallas il-*provision fees* izda baqa’ ma hallasx.

“Ghalhekk kien baghtilhom il-kont tieghu li wara rrizulta li kien fih xi zbalji u ghalhekk ikkorreggih u rega’ baghtilhom kont iehor li pero` baqa’ ma thallasx. Imbaghad baghtilhom ittra ufficjali izda xorta ma thallasx.

“Skond il-Kamra tal-Periti hu kien intitolat ghal 3.5.%. fuq il-*costings*. Degiorgio izda hass li l-kont kien gholi. Degiorgio imbaghad beda jilmenta wkoll dwar id-dewmien fil-processar ta' l-applikazzjoni mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u issa anke talab danni fil-kontro-talba. Hu kien baghat kont Dok E fis-7/8/99 ghal Lm2,565 fol. 32 u iehor fit-3 ta’ April 2000 ghal Lm510 u dawn thallsu mall-ewwel (dawn mhux inkluzi fit- Lm13,231.)

“Lilu rrizultalu li sal-lum il-*full development permit* ghadu ma harigx.

“**PROVI KONVENUTI**

“<u>Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghat talba ta' l-attur</u>.

“Charles Degiorgio xehed li kien ftiehem ma' l-attur biex il *Full Development Permit* johrog sal-15 ta' Frar, 1999 biex jilhaq johrog id-*Development Permit* sal 15 ta' Awissu 1999 u dana skond ma jirrizulta mix *Schedule of Works* Dok A a fol. 26. Ghalkemm l-attur ma kienx iffirma dan ix-*schedule* izda hu kien jaf b'dawn l-iskadenzi u kien assikurah li hu kien f'posizzjoni li jlahhaq ma’ dawn it-*targets*.

“L-attur kien l-ewwel applika mal-*Major Projects Division* izda dina l-applikazzjoni giet michuda billi l-*project* ma kienx *major project*. Ghalhekk l-attur applika ghal *Outline Development* u fil-frattemp kienu diga nhlew xahrejn. Dina l-applikazzjoni giet ukoll michuda ghal l-ewwel billi kien hemm problemi fuq iz-*zoning*, izda wara giet rikonsidrata u f'Awissu 1998 hareg l-*Outline Development Permit*.

“Il-*Full Development Permit application* intefghet f' Lulju 1999 kwazi sena wara li hareg l-*Outline Development Permit*. Dan id-dewmien kien dovut ghax l-attur kien qed jaghmel pjanti li ma kienux konformi mal-*brief* moghti mill-ODP u minnhom stess. Inoltre hu kien ghamel zbalji bazici fil-pjanti u disinji. Il-konvenut hawnhekk irrefera ghall korrispondenza bejn l-Awtorita` u l-perit u bhala ezempju semma l-ittra datata 8 ta’ Frar, 2000 dwar *ramp width and gradient* li kienu jinvolvu *redsigning* tal pjanti Dok C; pjanti godda li rega’ baghat fis-16 ta’ Novembru 2000 Dok D minhabba l-*elevation* tal-faccata. Fil-laqgha li kellhom mal-perit ta' l-Awtorita` Lucien Stafrace, dan qallhom bl-ilmenti u nuqqasijiet li kellha l-Awtorita` fil-pjanti ta' l-attur.

“Fil-2001 kien iddecieda li jittermina l-inkarigu ta' l-attur u fi Frar kien talab lill-attur biex jiffirma formola biex jinbidel il-perit izda dan irrifjuta qabel jithallas tas-servizzi tieghu. Huma kienu diga` hallsuh, Lm2,565.07 Dok E u Lm510.50 Dok F. Dawn kienu thallsu *in full* and *final settlement for services rendered to date* cioe` sal-4 ta’ April 2000. Ix-xoghol li ghamel il-perit wara April 2000 kien inqas minn dak li ghamel minn Otturbu 1997 sa 4 ta’ April 2000. F'Marzu 2001 ircevew *Remittance Advice* minghand l-attur ghal Lm10,510.33 li pero` gie rtirat mill-attur permess ta' ittra tat-22 ta’ Marzu 2001 Dok H. billi kien hemm zball. Wara f'Mejju 2001 huma rcevew ittra ufficjali fejn l-attur talab Lm13,231.00 minflok. Huma ma kienu rvcevew ebda ittra ohra b’xi kont rivedut qabel dina l-ittra ufficjali. Hu kien ippropona lill-attur li jirreferu l-kwistjoni fuq id-drittijiet tieghu lill-Kamra tal-Periti. Il-kamra kienet ordnat lill-attur biex jiffirma (Dok I) u dan iffirma f'Mejju 2001.

“Il-pjanti li kien ghamel l-attur kellhom jergghu jsiru mill-gdid mill-periti godda inkarigati billi l-attur m'ghaddiex id-*digital plans* lill-periti godda u anke billi kien hemm nuqqasijiet fil-pjanti ta' l-attur. Ghalhekk ghadu ma harigx il-permess u l-applikazzjoni kellha tigi rikunsidrata mill-gdid.

“<u>Dwar il-kontro-talba tal-konvenuti</u>, il-konvenut xehed li:

“1. Huma sofrew danni ghax kellhom jaghmlu pjanti mill-gdid minhabba nuqqasijiet ta' l-attur.

“2. Minhabba li gew mohlija sentejn mill-bidu tal-kostituzzjoni ta' l-ufficini huma tilfu *rental space.* Kien hemm 1,323 metru mill-bini li kien lest biex jinkera. Huma kellhom ukoll jikru magazzinagg supplementari minhabba dan id-dewmien – ammontanti ghall Lm6,000 ta’ sentejn. Dina hija kera li baqghu jhallsu ghax ma ccaqilqux minn fejn kienu.

“3. Zieda inflazzjonarja fuq il-bini tal-premises ta' 2% - ammontanti ghal Lm5,867 fuq il-bini u Lm13,400 fuq il-*finishings*. Dan skond id-Dok ST.

“Illum il-*full development permit* ghadu ma harigx. Il-perit Mangion ghadu ma tahx data meta ser jitlesta l-progett. Il-post ghadu ma qeghdux fuq is-suq.

“Il-**Perit Stephen Mangion** li gie inkarigat minflok l-attur fuq il-progett xehed li huwa ma hadimx fuq il-pjanti li diga kien hemm billi kien hemm certi affarijiet li ma kienux jaqblu ma’ dak li riedet il-*Planning Authority* u tah bhala ezempju t-*traffic circulation*; il-bini tal-*gradients* ta' certi rampi; u certu *parking* indikat fuq il-pjanti li ma kienx jahdem realment. Dawn ma kienux konformi mal-*Policy and Design Guidance 2000 tal-Planning Authority*. Ghalkemm dawn dahlu fl-2000 certi *requirements* ta' *gradients* kienu stipulati qabel ukoll. Fid-DC200 a differenza mid-DC 1988 kien hemm *requirements* ghad-*disabled*. Inoltre wara t-*traffic impact assessment report* li sar mill-attur kien hemm *revision* mill-*Planning Authority* minhabba bdil tal-*one way*.

“Illum l-applikazzjoni ghada ghand il-*Planning Authority* billi kien hemm dawn it-tibdiliet u l-permess ghadu ma harigx. Billi t-tibdiliet kienu sostanzjali huma ghamlu applikazzjoni gdida. Hu ma kienx intrabat bi zmien mal-konvenuti biex johrog il-permess ghax dan jiddependi minn fatturi li ma jiddependux minnu.

“**KONTESTAZZJONI**

“L-attur qed jissottometti li meta hu kien johrog il-kontijiet lill-konvenuti tul il-progett biex ihallsuh, dawn dejjem hallsuh u ma kkontestawx il-kontijiet u lanqas ilmentaw dwar il-kwalita` ta’ xoghol li hu ghamel. Kien biss meta gie terminat l-inkarigu tieghu li l-konvenuti raw il-kont li baghtilhom gholi u gabu l-iskuza li kien hemm dewmien fil-processar ta’ l-applikazzjoni tal-progett.

“L-attur jirritjeni li hu ma kien marbut ma’ ebda *deadline* u ma jista’ jkun qatt responsabbili ghal dewmien minn naha ta’ l-Awtorita` fid-dewmien biex tohrog il-permess.

“Min-naha taghhom il-konvenuti qed jissottomettu li huma kkontestaw il-kont ta’ l-attur billi hu kien l-ewwel talab somma imbaghad talab somma ohra. Daqqa ccargja bit-3% u darba ohra bit-3.5%. Inoltre l-attur kien iccargjhom ta’ pjanti li ma kellux ghalfejn jaghmilhom ezempju l-Block B.

“Huma mhux qed jilmentaw dwar id-dewmien fil-processar ta’ l-applikazzjoni minn naha ta’ l-awtorita` imma mill-livell tas-servizzi prestati mill-attur u mill-agir tieghu bhala professjonista senjatament l-inefficjenza u inkompetenza tieghu bhal ma huma decizjonijiet hziena li ha, dewmien fl-applikazzjoni ma’ l-Awtorita`, zbalji fid-dizinji u pjanti. Inoltre kien hemm tnaqqis li l-attur kellu jaghmel fil-kont prezentat izda li fil-fatt ma naqqasx. Minhabba l-agir ta’ l-attur huma sofrew danni li ghalihom ipprezentaw kontro-talba.

“**KONSIDERAZZJONIJIET**

“L-attur qed jitlob is-somma ta’ Lm13,231 rapprezentanti servizzi professjonali li gew rezi minnu favur is-socjeta` konvenuta fir-rigward tal-progett f’Ta’ Gannaru, B’Kara, liema progett hu gie inkarigat li jaghmel mill-konvenuti li pero` gie terminat qabel ma giet kompleta u tqabbdu periti ohra.

“L-attur ipprezenta kont dettaljat tad-drittijiet dovuti lilu u li jinsab a fol. 726 u tax-xoghol kollu maghmul minnu a fol.

76 et seq.  Il-partijiet ma kienux qablu dwar dak li kien dovut lill-attur ghalhekk irreferew il-vertenza ghand il-Kamra tal-Periti  (fol. 719) u l-kont li l-attur ipprezenta sussegwentament huwa a bazi tal-persentagg li l-Kamra qalet li hu dovut lill-attur. Il-konvenuti ma hallsux l-ammont pretiz, l-ewwelnett ghax qalu li l-attur ma kienx ipprezentalhom dana l-kont wara li kien baghat il-kont inkorrett tal-5 ta’ Marzu 2001 (Dok G ma l-eccezzjonijiet tal-konvenut fol. 39)  u t-tieni ghax l-attur daqqa ccargja mod u daqqa ccargja mod iehor. Inoltre meta kienu hallsu l-kontijiet Dok E u F  fol. 30 u 34, dawn thallsu bhala *in full and final settlement*. Fl-ahharnett minhabba l-inefficjenza u dewmien ingustifikat  tal-perit huma sofrew danni.

“B’riferenza ghal dan l-ahhar punt sollevat mill-konvenuti, l-attur kien ipprezenta dawk il-kontijiet f’Awissu 1999 u f’April 2000 mentri huwa baqa jahdem fuq il-progett sa Frar 2001 meta gie terminat lilu l-inkarigu.  L-*Outline Development Plan* kien hareg fis-26 ta’ Awissu 1998 u kien wara dana l-perjodu li kellu jahdem fuq l-aktar parti importanti u dettaljata tal-progett.

“Kwantu ghall-ammont mitlub mill-attur dana mhux kontestat per se u hu bazat fuq il-percentagg li ddecidiet il-kamra tal-periti li huwa dovut Dok a fol. 62 u 718.  Il-fatt li l-attur ma baghatx kont rivedut imma baghtu ma’ l-ittra ufficjali mhux daqshekk importanti billi l-konvenuti kienu u baqghu jikkontestaw li huma ghandhom jaghtu xi haga lill-attur ghar-ragunijiet gia` msemmija minnhom.

“Fil-fatt il-konvenuti qed jeccepixxu u anke ghamlu kontro-talba ghad-danni (fol. 759-761) kontra l-attur ghax qed jghidu li kien hemm dewmien ingustifikat fil-processar ta’ l-applikazzjoni minhabba l-livell tas-servizzi prestati mill-attur u mill-agir inefficjenti u nkompetenti tieghu bhal ma huma decizjonijiet hziena li ha u zbalji fid-dizinji u pjanti.

“Jidher li l-partijiet qed jaqblu li l-attur ma kienx marbut bi zmien li fih kellu jinhareg il-permess ghalkemm il-konvenut xehed li hu kien ipprezenta *scehdule of works* Dok a fol. 26 u 620 lill-attur li kien jaf b’dawn l-iskadenzi u kien accetta li jaghmel hiltu biex ilesti fil-hin stabbilit minn 15 ta’

Frar 1999 sa 18 ta’ Awwissu 1999. Il-konvenuti ghamluha cara fit-trattazzjoni li huma m’humiex qed izommu lill-attur responsabbili ghad-dewmien minn naha ta’ l-Awtorita` imma qed jghidu li kien hemm dewmien minhabba xoghol hazin li sar mill-attur li kellu jerga’ jsir.

“Il-konvenuti semmew li nhlew l-ewwel xaghrejn ghax il-perit kien applika ghall-progett bhala *Major Work* mentri fil-fatt dan ma kienx u l-applikazzjoni giet michuda. Wara kienet saret applikazzjoni ohra li ghall-ewwel giet michuda izda wara saret *reconsideration* u dina giet accettata. L-attur spjega li kien hemm diffikulta` fil-bidu ghax il-post fejn kien ser isir il-progett ma kien zona residenzjali u kien hemm cans li l-applikazzjoni tigi rifjutata. Ghalhekk biex ma jirriskjawx u biex jevitaw li jitilfu *levy* qawwija ghamel applikazzjoni ghall-*Outline Development Permit* biss u mhux ghall wiehed *full*. Dan il-permess ODP eventwalment hareg fis-26 ta’ Awissu 1998.

“Il-konvenuti semmew li kien hemm zbalji fil-pjanti li graw tort ta’ l-attur mentri l-attur jirritjeni li dawn kienu dovuti minhabba esigenzi u diversi talbiet li saru mill-Awtorita` (ara fol. 28). L-attur per ezempju spjega li huma kienu ghamlu *Traffic Impact Assessment Report* (ara fol. 77) u wara li pprezentaw dana r-rapport l-Awtorita` infurmathom li s-sistema ta’ traffiku kienet tbiddlet u saret *one way* (ara fol. 25). Dan kien jinnecessita tibdil fil-pjanti liema xoghol addizzjonali ma kienx tort tieghu.

“L-istess dwar il-kwistjoni tal-facilitajiet ghad-*disabled* (fol. 652) u rampi u *gradients*. Hu spjega li hu mexa skond il-prassi vigenti fiz-zmien li hu nghata l-inkarigu biex japplika. Dak li xehed il-Perit Mangion li hu ma kkonformax ruhu mad DC 2000 mhux rilevanti billi meta kien qed jahdem fuq il-progett ir-regolamenti lanqas kienu ghadhom dahlu *in vigore*. Ghalkemm huwa veru li kien hemm xi regolamenti ’l hawn u ’l-hemm, hu mexa skond ir-regolament vigenti dak iz-zmien u cioe` dawk tad-DC 88.

“Il-Perit Mangion ukoll irrefera ghall-*warehouses* li skond hu, l-attur ma mexiex skond il-brief tal-konvenuti. Izda kif

issottometta l-attur, hu effettivament mexa fuq il-*brief* tal-konvenuti u meta saret l-applikazzjoni l-konvenuti apparti li jiffirmaw l-applikazzjoni, iffirmaw ukoll li l-pjanti saru skond kif riedu huma.  L-istess jista’ jinghad ghal dak sottomess mill-konvenuti li l-attur kien iccargjahom u hareg stima fuq il-Block B  (fol. 725) meta dana ma kellux ikun inkluz fil-progett. Ma jirrizultax li kien hemm xi ordni simili, imma anke kieku, meta l-attur tbiddel bhala perit, fl-applikazzjoni sussegwenti l-permess intalab fuq il-progett kollu, inkluz il-Block B u il-konvenuti baqghu jahdmu fuq dak li kien applika ghalih l-attur.

“Dwar il-kwistjoni tal-*consultants*, li l-konvenuti jippretendu ghandhom jitnaqqsu mill-kont, izda l-attur spjega li dawn kienu necessarji u huma jikkonsultaw ma’ agenzji ohra billi l-Awtorita` talbet diversi rapporti addizzjonali, u fosthom kien hemm bzonn ta’ xoghol ta’ *consultants*.

“Meta gie terminat l-inkargu ta’ l-attur, kien diga` hareg l-*Outline Development Permit*. Il-Perit Mangion xehed li billi kien sar tibdil sostanzjali fil-pjanti, hu kellu jerga’ japplika mill-gdid, u kellha terga’ tigi konsidrata l-applikazzjoni. Sal-lum pero` l-*full permit* ghadu ma harigx.

“Il-Qorti wara li qieset dana kollu tasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt ghalkemm kien hemm xi dewmien inevitabbili min-naha ta’ l-attur li wiehed jistennih fi progett ta’ dan it-tip ta’ kobor, madanakollu r-raguni principali ghad-dewmien sostanzjali kien minhabba rikjesti diversi u konsulenzi minn naha ta’ l-Awtorita` li pprolungaw iz-zmien ghall-hrug tal-permess dwar liema dewmien l-attur u l-konvenuti kienu jilmentaw.  (ara fol. 717, u 41). Inoltre fil-kors ta’ l-applikazzjoni kien hemm bdil fil-ligijiet u zdiedu regolamenti li naturalment ziedu fid-dewmien. Jigi rilevat li sal lum il-permess ghadu ma harigx.

“In vista ta’ dina l-konkluzzjoni l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ma jistghux jigu milqugha kif ukoll ghall-istess ragunijiet ma tistax tintlaqa’ l-kontro-talba tal-konvenuti.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tas-socjeta` konvenuta li, ghandu jinghad, ma tispecifikax b’mod car x’inhuma l-aggravji

ghax minn "il-fatti fil-qosor" tghaddi biex taghmel hafna argumenti, dwar fatti u dwar dak li jinghad fis-sentenza appellata; bazikament jista' jinghad, izda, li l-aggravji huma, b'mod generali, li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti;

Rat ir-risposta ta' l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur ressaq talba ghall-hlas tas-servizzi professjonali li hu rrenda lis-socjeta` konvenuta fir-rigward ta' progett ta' kostruzzjoni ta' blokk bini f'Ta' Gannaru, Birkirkara. Is-socjeta` konvenuta tikkontesta s-somma mitluba mill-attur (Lm13,231) peress li hi ma gietx murija kif u ghaliex ghandha thallas din is-somma, u f'kull kaz issottomettiet li kienu saru hlasijiet lill-attur fil-kors tas-servizzi rezi, li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni u li l-istess attur ghandu wkoll iwiegeb ghad-danni li sofriet is-socjeta` konvenuta konsegwenza tal-fatt li l-progett kellu hafna dewmien minhabba l-inefficcjenzi ta' l-attur bhala perit. Fil-fatt, jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet itterminat l-inkarigu moghti lill-attur peress li hasset li l-interessi taghha ma kienux qed jigu tutelati sew u inkarigat perit iehor biex jiffinalizza l-progett.

Bhala fatt jirrizulta li l-inkarigu moghti lill-attur kien gie terminat qabel ma gie ezegwit fl-interezza tieghu. Wara li saret din it-terminazzjoni, l-attur talab hlas ta' xogholu u peress li inqalghu problemi bejn il-partijiet dwar dan, il-materja giet riferita lill-Kamra tal-Periti.

Din osservat li l-attur ghandu dritt jithallas ta' xogholu – u dan peress li l-ligi stess tipprovdi ghall-hlas f'kaz li kuntratt moghti lill-perit jigi terminat qabel ma jigi konkluz il-progett – u li l-hlas ghandu jkun ta' 3.5% fuq il-*costings* tal-

progett. Il-Qorti tosserva li skond l-Artikolu 11 tat-Tariffa K annessa mal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), f'kaz li perit jigi abbandunat, il-perit ma jigix ikkompensat 'in toto' bhallikieku baqa' l-perit inkarigat sa' l-ahhar tal-progett, izda zewg terzi ta' dak il-kumpens, li jithallas meta l-klijent jittermina l-inkarigu tal-perit (ara "Barbara v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju, 1995). Hu permess, pero`, ghall-partijiet li jidderogaw mir-rati stabbiliti fit-Tariffa (ara "Soler v. Zammit", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru, 1991).

Issa f'dan il-kaz, ma jirrizultax kemm kien ikun id-dritt ta' l-attur li kieku hu baqa' l-perit inkarigat sa l-ahhar, pero`, meta nqalghet il-problema dwar jekk l-attur kellux dritt jithallas u, f'kaz li iva, kemm, u dan meta l-inkarigu tieghu gie terminat, iz-zewg partijiet qablu li jirreferu l-kwistjoni ghad-decizjoni tal-Kamra tal-Periti. Dan l-organu wara li qies ic-cirkostanzi tal-kaz, iddecieda li l-attur ghandu jithallas bir-rata ta' 3.5% fuq il-*costings*. Ghalkemm il-konvenut stqarr li ghandu r-riservi tieghu dwar il-mod ta' kif il-Kamra wettqet l-inkarigu moghti lilha, bhala fatt, ma ressaq ebda procedura biex tinficcja d-decizjoni li hadet il-Kamra tal-Periti. La darba l-partijiet qablu li jirreferu din il-kwistjoni ghad-decizjoni tal-Kamra tal-Periti, (tant li f'ittra tad-9 ta' April, 2001, l-istess Kamra kienet osservat li "Messrs de Giorgio have expressly indicated that they are ready to abide by the Chamber's decision"), dik id-decizjoni torbot lill-istess partijiet. Jekk kien hemm xi "nuqqasijiet" fid-decizjoni jew fil-mod ta' kif ittiehdet dik id-decizjoni, min ihoss ruhu sokkombent kellu jattakka dik id-decizjoni fil-forum opportun (billi per ezempju jallega ksur tal-principji ta' gustizzja naturali) u mhux ihalli lill-parti l-ohra titlob hlas a bazi ta' dik id-decizjoni, u wara li jressaq kawza ghall-istess (peress li l-hlas baqa' ma giex effettwat), jilmenta – minghajr lanqas ma jressaq eccezzjoni formoli – li d-decizjoni tal-Kamra tal-Periti "telqet minn premessa zbaljata".

Is-socjeta` appellanti tilmenta wkoll mill-fatt li l-percentwal ta' 3.5% ma jikkonsidrax li l-attur talab u nghata hlas tas-servizz rezi minnu sad-data ta' l-*invoice*; tissottometti li

dan il-hlas jimplika “ftehim” ta’ hlas a bazi tar-rata wzata mill-attur fil-kalkolazzjoni tieghu ta’ somma dovuta. Ma jirrizultax pero`, jekk il-hlas li talab l-attur kienx a bazi ta’ xi rata u, jekk iva, x’kienet dik ir-rata. Li hu zgur hu li, meta l-partijiet ftehmu fuq l-inkarigu, ma sarx ftehim fuq xi rata partikolari, u meta l-kwistjoni tal-hlas giet riferuta lill-Kamra tal-Periti, hadd mill-partijiet ma ssottometta lil din il-Kamra li kien hemm gia` “ftehim”, forsi tacitu, ta’ xi rata ta’ hlas. Kwindi kien gust li l-Kamra tal-Periti tuza d-diskrezzjoni taghha u tiffissa kriterju oggettiv a bazi tac-cirkustanzi kif murija lilha.

Darba li r-rata tal-kumpens giet determinata kull ma kien jonqos kien li jinhadmu l-*costings* biex tinhareg il-*fee* a bazi tal-percentwal stabbilit. Is-socjeta` appellanti tilmenta li hi ma kenitx parti fil-kalkolu ta’ dawn il-figuri, pero`, fil-kors tas-smigh ta’ din il-kawza, l-attur wera l-workings tieghu u f’ebda stadju s-socjeta` konvenuta ma lmentat li dawn kienu hziena jew talbet li jigu verifikati minn espert nominat mill-Qorti. Ma kienx mistenni li l-attur jitlob il-hatra ta’ perit arkitett ghax hu ressaq il-prova tieghu, u sta ghall-parti li trid tikkontesta dik il-prova li ggib provi kuntrarji jew titlob perizja indipendenti.

Fejn is-socjeta` appellanti ghandha, mbaghad, ragun hija fejn qed tissottometti li, f’kull kas, il-hlasijiet li saru lill-attur fil-kors tat-twettiq tal-progett ghandhom jitnaqqsu mis-somma kkalkolata a bazi ta’ percentwal stabbilit mill-Kamra tal-Periti. Meta dik il-Kamra iddecidiet li l-attur ghandu dritt jiehu 3.5% tal-*costings*, hija harget kriterju biex jinhadem il-hlas, pero`, ma qiesitx xi hlasijiet li l-attur kien gia` rcieva. Il-Kamra tal-Periti qieset in-natura tal-progett, dak li lahaq ghamel l-attur u t-terminazzjoni prematura ta’ l-inkarigu, u qalet li l-attur ghandu dritt ta’ hlas ikkalkulat fuq rata ta’ 3.5% tal-valur tal-progett. L-attur ghamel il-kalkoli tieghu, u ddecieda li ghandu dritt jiehu s-somma li tirrizulta minghajr ma naqqas dak li kien gia` rcieva. L-ewwel Qorti kienet qablet mat-tezi ta’ l-attur, izda din il-Qorti tara li l-hlasijiet li kienu saru (fil-fatt saru zewg pagmaneti, wiehed ta’ Lm2565.07, u l-iehor ta’ Lm510.50), kienu saru “in full and final settlement” ghas-servizz professjonali rezi mill-attur sa dakinhar, u la darba

l-figura ta' Lm13,231 reklamata mill-attur, tkopri kumpens ghax-xoghol kollu li wettaq l-attur, dawn il-hlasijiet li sarulu ghandhom jitnaqsu.

Kwindi, it-talba ta' l-attur ghandha tigi ridotta ghal Lm10,155.43c.

Is-socjeta` konvenuta resqet appell ukoll kontra d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti meta din cahdet il-kontro-talba taghha. Fil-kontro-talba, is-socjeta` konvenuta talbet kumpens ghad-dewmien fl-esekuzzjoni tal-progett, liema dewmien qed tallega hu attribwibbli ghall-innefficjenza ta' l-attur. L-ewwel Qorti cahdet din il-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta wara li qieset li d-dewmien kien "inevitabbli" fi progett ta' dan it-tip ta' kobor, u ghax dan kien minhabba rikjesti diversi u konsulenzi min-naha tal-MEPA li pprolungaw iz-zmien ghall-hrug tal-permess. Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb, pero`, tqis ukoll li l-htiega ta' certi konsulenzi kienu rizultat ta' nuqqasijiet da parti ta' l-attur. Hu veru li kien hemm bzonn ta' bidla fil-pjanti rizultat tal-fatt li kien hemm bidla fis-sistema tal-"one-way" tat-toroq fl-inhawi, bidla li l-attur ma setax jipprevedi u lanqas jikkontrolla – u li tat lok ghal certu dewmien – pero`, jirrizultaw certi nuqqasijiet ohra da parti ta' l-attur. Hekk, per ezempju, l-attur iddecieda li jinjora certi "design guidelines" mahruga mill-MEPA ghax hass li dawn ma kienux jorbtu idejh bhala perit. Dan jista' jkun minnu, pero`, perit professjonist m'ghandux kompletament jinjora dawk il-*guidelines* ghax semplici fatt li ma kellhomx in-natura ta' direttivi. *Guidelines* mahruga minn Awtorita` delegata b'ligi biex tirregola l-izvilupp fil-pajjiz, m'ghandhomx jigu injorati bhalikieku ma jezistux, u n-nuqqas ta' l-attur li, kemm jista' jkun, jippjana l-progett mehud in konsiderazzjoni dawk il-*guidelines* wassal ghal hafna konsulenzi bla bzonn.

Il-perit Stephen Mangion, inkarigat mis-socjeta` attrici biex ikompli fuq il-progett wara li l-inkarigu ta' l-attur gie terminat, semma diversi nuqqasijiet ohra fil-pjanti ppreparati mill-attur, bhal *ramps* bi *gradient* mhux adegwat, cirkulazzjoni ghall-*parking* li ma kienx jahdem realment, u inkonsistenzi fid-disinn tal-faccata tal-bini

(*elevation*) ma' dak li kien fl-intern ta' l-istruttura. Dawn id-difetti ma gewx spjegati mill-attur, u jidher li dawn ukoll taw lok ghal diversi konsulenzi ma' ufficjali ta' l-Awtorita`.

Il-Qorti tara wkoll li l-attur wera pika zejda meta, wara li gie mitlub mill-Kamra tal-Periti jiffirma c-*change of architect form* b'ittra tad-9 ta' April, 2001, "ittraskura" li jaghmel dan ghax kien sejjer jizzewweg fil-15 ta' April, 2001. Avveniment ta' tieg huwa, ovvjament, ta' importanza kbira ghal dak li jkun, pero`, fuq perijodu ta' hamest ijiem, kellu jsib hames minuti biex jiffirma l-formola relattiva u jibghatha fejn kellu jibghatha. Id-dewmien f'dan il-kaz kien biss ta' xahar, pero`, hi indikattiva tal-mod kif l-attur kien qed jikkonsidra l-interessi tal-klijenti tieghu.

Din il-Qorti tara li, kollox ma' kollox, jirrizulta certu dewmien li ghalih hu responsabbli l-attur. Is-socjeta` konvenuta, pero`, ma resqitx prova dwar il-quantum tal-hsara li sofriet rizultat tad-dewmien fit-twettieq tal-progett. F'cirkustanzi simili, din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza "Vella v. Grech", deciza fit-18 ta' Ottubru, 2006, osservat, fuq l-iskorta ta' dak li ddeskriviet bhala direttiva gwida mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (kaz numru 2745 tas-27 ta' Marzu, 1997) illi:
"*il giudice deve, anche d'ufficio, procedere alla liquidazione equitativa dei danni in cui riconosce l'esistenza, tanto nell'ipotesi in cui sia completamente mancata la prova del loro ammontare, a causa dell' impossibilita` di fornire congrui ed idonei elementi a riguardo, quanto nell' ipotesi in cui, pur essendosi svolta attivita` processuale per fornire tali elementi, per la notevole difficolta` di una precisa quantificazione, non siano ritenuti di sicura efficacia*".

(ara applikazzjoni ta' dan il-principju fil-kawza "S.M.W. Cortis Ltd v. Grima", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Novembru, 2006, u fil-kawza "Environmental Management Design and Planning Ltd. v. Bugeja", deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Novembru, 2006).

Affermat dan, kif intwera, fil-kaz prezenti d-dannu avvera ruhu, u ghall-parti minn dan, jahti l-attur peress li ma esegwix l-inkarigu lilu moghti bid-debita celerita` u attenzjoni. Bl-adoperu ta' dan il-principju ekwitattiv din il-Qorti hi tal-fehma li *ex aequo et bono*, l-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas lis-socjeta` konvenuta mill-attur ghandu jkun ta' elfejn lira (Lm2,000).

Ghalhekk, meta tqis it-talba ta' l-attur, kif milqugha in parte, u l-akkoljament tal-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, u wara li topera tpacija gudizzjali, il-konkluzjoni ta' din il-Qorti hi li l-attur ghandu jinghata s-somma ta' Lm8,155.43 ghas-saldu tas-servizzi professjonali rezi mill-attur favur is-socjeta` konvenuta fuq il-progett meritu tal-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta billi tilqa' l-istess in parte, tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' biss in parte t-talba attrici, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm10,155.43, u tilqa' wkoll il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, u tikkundanna lill-attur ihallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta' Lm2,000, u, b'operazzjoni ta' tpacija gudizzjali, tidderimi l-kawza billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm8,155.43 (tmint elef mija u hamsa u hamsin lira u tlieta u erbghin centezmu), bl-imghax legali mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk ta' prim istanza, jithallsu kwantu ghal terz ($^1/_3$) mill-attur, u zewg terzi ($^2/_3$) mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------